# ARĊIPRIET ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAN-NADUR

## MARIO GRECH
ISQOF TA' GĦAWDEX

**KOMUNIKAT**
**LILL-KOMUNITÀ PARROKKJALI TAN-NADUR**

**1 ta' Frar, 2010**

Billi wara parrokat twil mimli ħidma sfieqa fi ħdan il-poplu ta' Alla li jgħammar fil-parroċċa tan-Nadur, l-Arċipriet Mons. Salvu Muscat fit-12 ta' Jannar 2010 ppreżentali r-riżenja mill-uffiċċju ta' Arċipriet;

konxju mil-ħtiġijiet pastorali li jippreżentaw ruħhom fid-diversi realtajiet li hemm fin-Nadur;

meta qist id-diversi xewqat pastorali mfissra minn membri fil-komunità parrokkjali li għandhom għal qalbhom il-ħajja nisranija fin-Nadur;

bil-ħsieb li ma jintilef xejn minn dak kollu li nżera, tħawwel u tkabbar mill-Arċipriet Mons. Salv Muscat, kollaboratur leali u ġeneruż tiegħi;

ħassejt li nsejjaħ lil **Mons. Jimmy Xerri PH.L** li għal dawn l-aħħar ħmistax il-sena kien fuq ħidma missjunarja fil-Brażil, biex jassumi l-uffiċċju ta' Arċipriet biex iġib 'il quddiem l-interess tal-Knisja Kolleġġjata u Bażilika ddedikata lil San Pietru u San Pawl u fuq kollox il-ħajja Kristjana tal-poplu tan-Nadur.

B'digriet ta' llum ħtart lil Mons. Xerri bħala Arċipriet tan-Nadur.

Sakemm Mons. Xerri jieħu pussess kanoniku tal-parroċċa, ħtart lil Mons. Salvu Muscat bħala Amministratur Parrokkjali.

+

**+ Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**



**Mons. Jimmy Xerri PH.L**

portelli print nadur - tel: 21558232

# Profil:

Illum it-Tnejn 1 ta' Frar 2010, Mons Isqof Mario Grech ħatar lil Mons Jimmy Xerri Ph.L. bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-parroċċa tan-Nadur. Mons Xerri, saċerdot mill-presbiterju tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria, Għawdex, ilu għal dawn l-aħħar 15-il sena missjunarju fil-Brażil.

Mons Jimmy Xerri qed jissuċċiedi lil Mons Salv Muscat li kien ilu Arċipriet tal-parroċċa tan-Nadur minn Novembru 1982.

Mons Jimmy Xerri twieled nhar it-30 ta' Awissu 1957 fi New South Wales, l-Awstralja, minn Frank u Ġeswalda neè Vella. Ġie mgħammed nhar il-15 ta' Settembru 1957 fil-parroċċa tal-Verġni Marija tal-Karmelu, immexxija mill-patrijiet Karmelitani f'Wenworthville, bl-isem ta' James George.

Beda l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù , u meta l-familja tiegħu irritornat f'Għawdex, kompla l-edukazzjoni fl-iskola Sir Arturo Mercieca u mbagħad Ninu Cremona fuq livell sekondarju.

Fl-1974 beda l-kors tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex li kellu jwasslu biex jiġi ordnat saċerdot. Is-sena intermedjarja għamilha f'Melbourne, l-Awstralja, fil-parroċċa ta' St Bernardette, f'North Sunshine. Huwa rċieva l-ordinazzjoni presbiterali fil-knisja Katidrali nhar is-Sibt 27 ta' Ġunju 1981, minn idejn l-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi. Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġorġ, fil-belt Victoria.

Wara l-ordinazzjoni, Dun Jimmy mar Ruma u hemm ħa l-kors tal-filosofija. Lura f'Għawdex hu għadda erba' snin bħala direttur tal-Istitut San Ġużepp, f'Għajnsielem. F'dak iż-żmien kien ukoll lecturer tal-Istorja tal-Filosofija fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Għal madwar tmien snin kien ukoll segretarju tal-Isqof Nikol Ġ. Cauchi u ħadem ukoll bħala segretarju fl-iskola tas-Seminarju Minuri.

Għal snin twal Dun Jimmy wettaq ukoll ħidma pastorali fiż-żona tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'Taċ-Ċawla. Hawn hu kien magħruf għall-omeliji tiegħu u għall-qalb kbira li kellu għal kulħadd u kien maħbub ħafna mit-tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani. Mhux biss kien jorganizza l-laqgħat tal-Azzjoni Kattolika, imma wkoll spiss kien itella' drammi u attivitajiet ta' kull xorta flimkien maż-żgħażagħ.

Kien minn hawn li ħass is-sejħa li jħalli pajjiżu u telaq lejn il-Brażil biex iwettaq ħidma missjunarja f'dan il-pajjiż. Għadda żmien f'parroċċa f'Maceiò u għal xi snin okkupa l-kariga ta' Rettur fis-Seminarju tal-istess belt. Dan l-aħħar kien kappillan ta' San Sebastjan, f'Messias, fl-istat ta' Alogoas, Brażil.

Barra l-kotba li kien ippublika meta kien għadu Għawdex, fosthom 'Lejn Kultura Nisranija' fl-1993, li baqa' jservi għal snin twal bħala l-aħjar ġabra tas-sillabu tar-Reliġjon fuq livell avvanzat, kemm ilu l-Brażil Dun Jimmy ippubblika ħames kotba.

# Messaġġ ta' Mons. Salvu Muscat



Għeżież Nadurin,

Issa li temmejt il-ħatra tiegħi bħala Arċipriet tal-Parroċċa għażiża tagħna tan-Nadur, xtaqt li nwasslilkom dan il-messaġġ.

Billi issa għalaqt 27 sena inservi l-Parroċċa tan-Nadur, jiena ħassejt li għandi nitlob lill-Mons Isqof biex jekk hu possbli jsib sostitut għalija bħala Arcipriet. Mons Isqof laqa' ir-riżenja tiegħi fit-12 ta' Jannar 2010.

Jiena ma għandix kliem li bih nista' nesprimi l-gratitudni tiegħi lill-Mulej li għoġbu jagħtini din l-okkażjoni li naqdih għal 27 sena tant mil-qrib bħala Arċipriet. Jiena dejjem ħassejt l-id moħbija ta' Alla fil qrib li kienet dejjem tweżinni fid-diffikultajiet kollha, f'dan iż-żmien kollu tal-parrokat tiegħi. Huwa veru dak li nsibu fis-salm li jgħid li jekk ma jkunx il-Mulej li jibni d-dar, għalxejn jitħabtu dawk li jibnuha. Għalkemm jiena qed inħalli din il-kariga, pero' xorta waħda ser inkompli nagħti s-sehem tiegħi bħala saċerdot fil-Parroċċa tagħna.

Wara r-radd ta' ħajr tiegħi lill-Mulej, jiena nħoss li għandi ngħid **grazzi kbira** lilkom Nadurin kollha li dejjem, min b'mod min b'ieħor, kontu qrib tiegħi fil-ħidma kollha tal-Parroċċa. Fuq kollox ma nehda qatt nitlob u nirringrazzja lil dawk kollha li tant drabi għamluli kuraġġ għaliex aċċertawni li huma dejjem kienu jitolbu għalija.

F'dan il-mument, meta qed inħalli il-kariga ta' Arcipriet, ma nistax ma nitlobx maħfra 'l Alla tan-nuqqasijiet kollha tiegħi f'dan il-qadi tal-parroċċa. Jista' jkun illi mhux dejjem qbilt f'kollox ma' kulħadd, u għalhekk jekk xi ħadd b'xi mod safa mweġġa', jiena nitlob skuża waqt li naċċertah li kull ma sar kien dejjem b'intenzjoni retta.

Issa li l-Mulej ser iġibilna fostna lil Mons Jimmy Xerri bħala Arċipriet tal-Parroċċa, ma ninsewx li din hija r-rieda espressa ta' Alla, u li allura għandna nbaxxu rasna għaliha. Dan is-saċerdot missjunarju aħna għandna narawh bħala wieħed ta' ġewwa, ħabib, sieħeb u missier spiritwali tagħna. Dun Jimmy issa jinħtieġ l-idejn tagħna, l-kuraġġ tagħna u t-talb tagħna. Nappella lil kulħadd biex jibqa' jgħin lil dan l-Arċipriet il-ġdid tagħna b'kull mod. F'dan l-mument ma nistaqsux u ngħidu "l-Arċipriet il-ġdid x'ser jagħmel għall-Parocċa tagħna", iżda huwa l-waqt li nistaqsu lilna nfusna, "aħna, issa li għandna Arċipriet ġdid, x'ser nagħmlu għall-Parroċċa tagħna?"

Il-koperazzjoni tagħna mal-Arċipriet il-ġdid hija għajnuna, li l-istess Ġesù, qed jitlob lil kull wieħed u waħda minna.

Il-Mulej li tant iħobbna, jibgħat fuqna lkoll il-Barka tiegħu.

*Mons Salv Muscat*
*Amministratur Parrokkjali.*